**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 326/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-28 ta' Gunju, 1986.
2. Illi sussegwentement il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Liza Schembri datat 26 ta' Frar, 2002 (ara Dok.A), liema kuntratt kien suggett ghal kuntratt ta' emenda datat 21 ta' Ottubru, 2014, ukoll fl-atti tan-Nutar Liza Schembri (ara Dok.B).
3. Illi l-partijiet ilhom 'l fuq minn erba' snin ighixu separatament minn xulxin, ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u llum il-gurnata ma hemm ebda manteniment dovut u ebda arretrati pendenti. Ghalhekk ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi sabiex jinghata divorzju jinsabu soddisfatti.
4. Illi l-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju u li z-zwieg tieghu mill-intimata jigi mahlul.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xierqa u opportun.

Rat li l-intimata, debitament notifikata baqghet ma pprezentax risposta, izda fl-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2018 iddikjarat li mhux qed tikkontesta d-divorzju.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati legalment ghal aktar minn erba' snin, skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Liza Schembri datat 26 ta' Frar, 2002.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u arretrati tal-istess, kif ukoll ma kienx hemm prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**